MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 61/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Cassar talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda fix-xhur tat-23 ta' April 2008 sat-22 ta' Ottubru 2008, naqas li jhallas lil Anna Cassar kif ukoll lill-minorenni Jeanne u Justin il-manteniment dovut u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja tat-23 ta' Marzu 2007 fil-kawza numru 413/05JA mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Francis Cassar hati u kkundannatu tliet (3) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francis Cassar minnu pprezentat fit-18 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja, temenda u tbiddel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma li huwa naqas li jhallas il-mantenment lil Anna Cassar ghaliha u ghal uliedhom minuri Jeanne u Justin ghall-perijodu mit-23 ta’ April 2008 sat-22 ta’ Awissu 2008, tiddikjara li huwa hallas il-manteniment ghall-perijodu mit-23 ta’ Awissu sat-22 ta’ Ottubru 2008 u ta’ dan il-perijodu ma ssibux hati, u kwindi tbiddel il-piena nflitta fuqu billi tnaqqasha u taghtih piena ohra mhux karcerarja li tkun aktar moderata u addattata ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li huwa hallas il-manteniment ghall-perijodu mit-23 ta’ Awissu 2008 sat-22 ta’ Ottubru 2008 u ghalhekk baqa’ bilanc ta’ €1,304 ghall-perijodu mit-23 ta’ April 2008 sat-22 ta’ Awissu 2008; (2) li huwa ghamel hiltu kollha sabiex ihallas lil martu l-manteniment dovut minkejja d-diffikultajiet finanzjarji kbar li dahal ghalihom. Issellef ammont ta’ flus biex ihallasha, ma opponiex li tinbiegh id-dar konjugali, li hija proprjeta` parafernali tieghu, biex martu tithallas mir-rikavat, u ma opponiex li l-manteniment jbda jinqataghlu mill-paga. Huwa ma hallasx ghax ma kellux flus u *ad impossibilia nemo tenetur*; (3) li ghalhekk il-piena ta’ tliet xhur prigunerija hi ngusta u eccessiva meta jigi kkunsidrat li (i) il-fedina penali tieghu hija netta; (ii) ma giex meqjus bhala *first offender*; (iii) jekk jintefa’ l-habs se jitlef l-impjieg; (iv) f’kazijiet ohra simili l-Qrati dejjem tat piena anqas minn dik

hawn imposta; (v) fil-mori ta’ l-appell qieghed jaghmel hiltu biex jissellef il-flus necessarju biex ihallas il-manteniment dovut.

Issa, fis-seduta tallum giet esebita nota ta’ Anna Cassar li permezz taghha nfurmat lil din il-Qorti dwar il-hlas li ghamel l-appellant tal-manteniment kollu minnu dovut u fejn iddikjarat li hija m’ghandhiex aktar interess f’dawn il-proceduri. L-Avukat Dottor Nadia Vella, ghall-*parte civile*, ziedet tghid li fic-cirkostanzi u stante li l-appellant qieghed ihallas regolarment, mart l-appellant m’ghandha l-ebda interess illi zewgha jispicca l-habs ghax dan ikun kontro-produttiv.

Barra minn hekk, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament”.**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tliet xhur prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) sa zmien tliet xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------